**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Novembru 2018 – St. Andrews Links vs EUIPO (ST ANDREWS)**

**(Kawża T-791/17)** ([1])

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali ST ANDREWS — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Oriġini ġeografika — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”)***

(2019/C 25/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* St. Andrews Links Ltd (St. Andrews, ir-Renju Unit) (rappreżentant: B. Hattier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: K. Kompari, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta’ Ottubru 2017 (Każ R 93/2017-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali ST ANDREWS bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *St. Andrews Links Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 42, 5.2.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta’ Novembru 2018 – DRH Licensing & Managing vs EUIPO – Merck (Flexagil)**

**(Kawża T-831/17)** ([1])

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Flexagil — Użu ġenwin tat-trade mark — It-tieni paragrafu (a) tal-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 — Forma li tvarja permezz tal-elementi li jbiddlu l-karattru distintiv”)***

(2019/C 25/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* DRH Licensing & Managing AG (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentant: S. Salomonowitz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Schramek u M. Fischer, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Merck KGaA (Darmstadt, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta’ Ottubru 2017 (Kawża R 2043/2016-4) dwar proċedimenti ta’ revoka bejn DRH Licensing & Managing u Merck.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *DRH Licensing & Managing AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 52, 12.2.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Novembru 2018 – Asahi Intecc vs EUIPO – Celesio (Celeson)**

**(Kawża T-36/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali Celeson — Trade mark verbali internazzjonali preċedenti CELESIO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 25/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Asahi Intecc Co., Ltd (Nagoya, il-Ġappun) (rappreżentant: T. Schmidpeter, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Rajh u D. Walicka, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Celesio AG (Stuttgart, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Novembru 2017 (Każ R 1004/2017-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Celesio u Asahi Intecc.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Asahi Intecc Co., Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C ##, ##.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2018 – Bonnafous vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-646/18)**

(2019/C 25/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Laurence Bonnafous (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Blot u S. Rodrigues, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea